MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Numru. 90/2007

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nezren Grixti)**

**vs.**

**Michael Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Michael Zahra detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 440071M.

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fl-1 ta’ Marzu, 2006 u xahar qabel, gewwa G’Mangia u bnadi ohra f’Malta f’hinijiet differenti,

a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu esklussiv tieghu skond ir-ricettta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dawr il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.
b) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta’ mitt metru mill-parametru ta’ skola, club jew centru taz-zghazagh jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.
c) Ukolli talli Zahra Michael sar recidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, datati 19 t’April, 2001 l-Qorti tal-Appell, 22 t’Ottubru, 2001 Qorti tal-Appell u 14 ta’ Jannar, 2003 Magistrat Antonio Mizzi LL.D.
d) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala persuna li gie kkundannat f’Malta ghal serq ghal ricettazzjoni nstab fil-pussess ta’ mfietah, imqabblin jew iffalsfikati jew ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta’ serraturi jew jinsabu ghandu forom ta’ serraturi minghajr ma jaghti kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu jinsabu ghandu f’dak iz-zmien.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma kontestati bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza.

*Il-Versjoni tal-Prosekuzzjoni*

1. Kien l-1 ta’ Marzu 2006 ghall-habta tad-9.15 a.m. meta l-Pulizija tad-distrett kienu qed jikkoncentraw fl-area tal-Ghassa tal-Pieta ghall-ftuh tal-istess ghassa dak inhar stess.
2. Tlett Pulizija lemhu lill-imputat jarmi xi haga gewwa parapett ossia *front garden* ta’ residenza gewwa G’Mangia Hill, G’Mangia.
3. Saret tfittxija fuq il-post, u instabu sitt qratas tal-karti li kien fihom trab kannella, allegatament droga u turnavit.
4. L-Espert Spizjar Mario Mifsud ikkonkluda hekk:[1]

*“a) li ma nstabux tracci tas-sustanza Herojina fuq it-turnavit li kien hemm fid-dokument 212/09/01*

*b) Li fit-trab ta’ lewn kannella li kien hemm fis-sitt qratas tal-karti, f’ammont nett totali ta’ 0.934 grammi fid-dokument 212/09/02, instabet fihom is-sustanza Herojina. Il-purita medja tat-trab*

[1] Ara relazzjoni tal-Espert Spizjar Mario Mifsud a fol. 37 tal-process.

*kannella ghas-sustanza Herojina kienet ta' cirka 37.8%. Is-sustanza Herojina hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*

*Il-Versjoni tad-Difiza*

1. Fl-istqarrija tieghu, li kkonferma bil-gurament fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat qal li hu kien mar id-Detox Centre, ghax kellu problema ta' abbuz tad-droga.
2. Persuna, li ma xtaqx jikxef isimha talab lill-imputat jzommlu turnavit, u peress li ma xtaqx izommu f'idu minhabba precedenti tieghu ta' reati ta' serq, u mar poggih go parapett ta' dar.
3. Dak il-hin gew il-Pulizija fuqu u staqsewh x'qed jaghmel u qalilhom li kien qed jahbi t-turnavit.
4. Il-Pulizija haduh l-Ghassa l-Gdida u zammewh hemm, fil-waqt li l-Maggur Anthony Lia mar ifittex it-turnavit. Meta l-Maggur gie lura, huwa infurma lill-imputat li kien sab id-droga u mhux it-turnavit.
5. Il-Pulizija hadu lill-imputat lura hdejn il-parapett fejn urewh borza bid-droga. It-turnavit kien ftit passi l'boghod minnfejn kienet il-borza bid-droga. L-imputat cahad li d-droga kienet tieghu.

Il-Qorti xtarret ix-xhieda tal-Pulizija involuta u ssib numru ta' inkonsistenzi fix-xhieda taghhom, u cioe s-segwenti:

1. Il-Maggur Anthony Lia xehed hekk *"Morna fuqu u staqsejtu x'ghamel u kien qal li tefa' turnavit. Hadnieh l-ghassa, iccekkjajna l-particulars tieghu u ergajna ghamilna search fil-presenza tieghu u sibna borza tal-plastic li fiha kien jidher li hemm pakketti ohra zghar u turnavit li kwazi kien qieghed fuq il-borza. Qalilna li ma kienux tieghu ... ..."*[2]
2. PC 303 Stefan Mamo u PC 489 Desmond Desira xehdu li wara li osservaw lill-imputat ipoggi xi haga fil-parapett, huma marru fuqu u ghamlu tfittxija dak il-hin fejn sabu turnavit u qratas tad-droga, u imbaghad hadu lill-imputat l-ghassa.[3]
3. In kontro-ezami PC 303 Stefan Mamo ma kienx daqshekk car fix-xhieda tieghu u qal hekk *"Hadnieh l-ghassa iva. At a point in time ghamilna search fejn kien qieghed."*[4] Din ix-xhieda

---

[2] Ara xhieda tal-Maggur Lia a fol. 23 tal-process.

[3] Ara xhieda ta' PC 303 Stefan Mamo a fol. 25 tal-process u xhieda ta' PC 489 Desmond Desira a fol. 27 tal-process.

[4] Ara xhieda ta' PC 303 Stefan Mamo a fol. 61 tal-process.

tati x'tifhem li t-tfittxija ma saritx immedjatament kif il-Pulizija raw lill-imputat jitfa' xi haga fil-parapett, izda saret wara li kien ittiehed l-ghassa, kif xehed il-Maggur Anthony Lia. Inoltre, PC 303 lanqas eskluda li *"jista jkun"* li hu baqa l-ghassa mal-imputat, sakemm is-Surgent mar ifittex fil-parapett, ghalkemm imbaghad qal li ma jiftakarx x'gara.[5]

Fid-dawl ta' din ix-xhieda inkonsistenti tal-Pulizija, il-Qorti ghandha dubbju ragonevoli li t-tfittxija fil-parapett ma saritx immedjatament kif il-Pulizija raw lill-imputat jitfa' xi haga fil-parapett, izda saret wara li lill-imputat haduh l-ghassa. In vista ta' dan it-trapass tal-hin, il-fatt jkun hemm hafna nies b'konnessjoni mad-droga fl-inhawi tad-Detox Centre u li mill-provi jirrizulta li huwa notorju li l-imputat ghandu precedenti kriminali, din il-Qorti ma jistax ikollha c-certezza morali li l-qratas li nstabu fil-parapett huma tal-imputat.

Ghalhekk, l-imputat se jigi liberat mill-imputazzjonijiet (a), u (b).

Rigward l-imputazzjoni (d) u cioe li l-imputat kellu fil-pussess tieghu ghodod tajba ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi – cioe it-turnavit – minghajr raguni valida, ghalkemm il-Pulizija ma ressqitx l-ahjar prova li l-imputat kien gie ikkundannat f'Malta ghal serq jew ricetazzjoni, u cioe s-sentenzi relattivi, fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat ammetta li kien instab hati diversi drabi hati ta' serq,[6] u kien heba t-turnavit ghaliex kien jaf li jekk jarawh bih, il-Pulizija kienu jarrestawh. Il-Qorti ma tqisx li r-raguni li ta l-imputat ghalfejn kellu fil-pussess tieghu dan it-turnavit – biex jaghmel pjacir lil habib tieghu – hija wahda attendibbli. Ghaldaqstant, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' din l-imputazzjoni.

Il-Prosekuzzjoni ma ressqetx provi dwar l-imputazzjoni (c), dik tar-recidiva, u dan stante li ma gewx ezebiti kopji tas-sentenzi relattivi. Kif inhuwa risaput, il-fedina penali mhix l-ahjar prova sabiex tigi ippruvata r-recidiva. Ghaldaqstant, l-imputat se jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

[5] Ara xhieda ta' PC 303 Stefan Mamo a fol. 62 tal-process.

[6] Ara xhieda tal-imputat a fol. 49 tal-process.

Il-fedina penali tal-imputat hija wahda raffrettarja b'erba' u tletin kundanna.

Pero tenut kont li r-reat li tieghu l-imputat instab hati mhux wiehed mill-aktar gravi - fil-fatt il-piena massima hija ta' tlett xhur prigunerija, u tenut ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti tqis li piena karcerarja effettiva mhix wahda idonea fil-kaz odjern.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, fil-waqt li ssib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet (a), (b) u (c) dedotti kontrih u qed tilliberah minnhom, wara li rat l-Artikolu 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni (d) dedotta kontra tieghu, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tlett (3) xhur, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' sentejn (2), ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------